# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
mgarr.lc@gov.mt - ***www.mgarrlc.com***

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr**

**Is-Seba' Leġislatura, Laqgħa numru 69**

**nhar l-Erbgħa 18 ta' April 2018, fil-5:00pm**

Il-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr issejjaħ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f' 22, Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr, sabiex jiltaqa' għall-Laqgħa tal-Kunsill numru 69 tas-Seba' Leġislatura, nhar l-Erbgħa, 18 ta' April 2018, fil-5:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**
Paul Vella – Sindku
Eman Vella – Deputat Sindku
Elia Borg - Kunsillier

**ASSENTI B' APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**
Clayton Gauci - Kunsillier
Mario Sammut - Kunsillier

**ASSENTI**
Hadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**
Cyprian Dalli - Segretarju Eżekuttiv

**PUBBLIKU**
Hadd

**---- MINUTI -----**

i. Il-laqgħa bdiet fis-5:19pm.

ii. Il-Laqgħa kienet preseduta mis-Sindku, Paul Vella.

iii. Il-laqgħa xxandret dirett fuq il-paġna elettronika tal-Kunsill permezz tas-sistema tal-live-streaming.

iv. L-Aġenda tmexxiet fuq l-Aġenda segwenti :

69.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
69.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
69.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;
69.4 Korrispondenza
69.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
69.6 Rapporti;
69.7 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;
69.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-Pagamenti;
69.9 Mozzjonijiet;
69.10 Evalwazzjoni ta' Festa Frawli 2018
69.11 Proġetti tal-Kunsill fix-xhur li ġejjin
69.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tal-Laqgħa li jmiss

## 69.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

69.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien irċieva żewġ ittra ta' apoloġiji, waħda mingħand il-Kunsillier Clayton Gauci u l-oħra mingħand il-Kunsillier Mario Sammut li t-tnejn infurmaw li, minħabba raġunijiet personali, ma setgħux jattendu għal din il-laqgħa. Il-Kunsill aċċetta it-talba tat-tnejn li huma u għalhekk ser jitniżżlu bħala assenti b' apoloġija għal din il-laqgħa.

## 69.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.

69.2.1 Il-Minuti ġew mibgħuta lill-membri tal-Kunsill minn qabel, u għaldaqstant ġew meqjusa moqrija u ġew approvati kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 69.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

69.3.1 Is-Sindku informa li kien inbeda ix-xogħol fuq il-ground ta' Triq Sir Harry Luke biex jingħata wiċċ ġdid u jiġu installati dwal għalih.

69.3.2 Is-Sindku informa li l-Ħadd ta' wara ser issir l-attivita' 'Frott il-Bidwi Mġarriji' fiż-Żebbiegħ. Il-Kunsill ser ikun qed jgħin bħas-soltu speċjalment fl-immanniġġjar tat-traffiku.

69.3.3 is-Sindku informa wkoll li kien ser jerġa' jittella' il-kors tal-kompjuter 'Robotika' fl-uffiċċju tal-kunsill matul ix-xhur tas-Sajf. Dan il-kors ser isir flimkien mat-TCTC.

69.3.4 Wara talba simili li kienet saret f' Diċembru li għadda, ser terġa tintalab laqgħa mad-dipartiment tal-Gvern konċernat dwar l-immanniġġjar taċ-ċimiterju.

**69.4 Korrispondenza**

69.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq diversi Memos, Ċirkolarijiet u korrispondenzi oħra mil-entitajiet governattivi, fosthom id-DLG, l-AKL u l-Awtorita' tal-Ippjanar.

69.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv stedina mingħand l-Aġenzija tal-Pagamenti Agrikoli u Rurali għall-Seminar dwar il-proċeduri li bihom ser titħaddem il-Miżura 4.3. Għal dan is-Seminar ser jattendu is-Segretarju Eżekuttiv u id-Deputat Sindku.

**69.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

69.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri għal din il-laqgħa.

**69.6 Rapporti**

68.6.1 Ma kienx hemm rapport waqt din il-laqgħa.

**69.7 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

69.7.1 Ġie diskuss numru ta' proposti biex jiġi kkontrollat it-traffiku fil-lokalita'. Wara diskussjoni, ġie deċis li ssir talba lil Transport Malta biex :

- Isiru 'traffic-calmers' fi' Triq Sir Harry Luke, kantuniera ma' Triq San Pietru;
- Isiru 'traffic-calmers' fi' Triq Binġemma, qabel u wara il-bini.

69.7.2 Dawn iż-żewġ proposti ser jitressqu quddiem Transport Malta.

**69.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

69.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill Lokali l-iskeda tal-pagamenti numru 5/2018, li kienet tammonta għall-€22,445.84.

68.8.2 Il-Kunsill approva unanimament il-ħlasijiet ta' din l-iskeda u l-iskeda ġiet iffirmata u l-pagamenti ta' fuqha ġew awtorizzati.

**69.9 Mozzjonijiet**

69.9.1 Ma ġewx ippreżentati mozzjonijiet għal din il-laqgħa.

**69.10 Evalwazzjoni ta' Festa Frawli 2018**

69.10.1 il-Kunsill analizza l-attivita' ta' Festa Frawli u kien hemm qbil li kienet attivita' pożittiva ħafna u waħda mill-aħjar edizzjonijiet li qatt saru s' issa. Issemma li t-traffiku u l-parkeġġ kienu mmanniġġjati tajjeb.

69.10.2 Is-Sindku semma li kien hemm bżonn ta' aktar infurzar fejn jidħol il-parkeġġ riservat għall-persuni bit-tabella l-blu peress li kien hem xi abbużi fihom kif ukoll kien hemm min ma kienx jaf bihom. Barra minn hekk kien hemm ukoll problema ta' sigurta' perress li tneħħew xi' barriers fi' Triq Fisher.

69.10.3 Is-Sindku semma' li hemm bżonn li qabel l-ativita' tissejjaħ laqgħa ta' koordinament mas-sidien tal-istabbilimenti tal-ikel u xorba biex ikun hemm aktar ħidma flimkien.

69.10.4 is-Sindku semma' wkoll li kien hemm min rama' fi' Triq Fisher mingħajr permess u li kien hemm bżonn li dawn l-abbużi jiġu kkontrolati.

**69.11 Proġetti tal-Kunsill fix-xhur li ġejjin**

69.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dak in-nhar stess kien ghadu kemm irċieva id-dokumentazzjoni mingħand il-Perit tal-Kunsill dwar is-sejħa għall-offerti dwar il-mixtla tal-Facciol.

69.11.2 Is-Segretarju Eżekuttiv semma' wkoll li kien f' kuntatt mal-Enġinier sabiex titħejja sejħa għas-sistema tal-arja kkundizzjonata.

**69.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tal-Laqgħa li jmiss**

69.12.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-6:48pm.

69.12.2 Il-Laqgħa numru 70 tal-Kunsill issejħet għall-Erbgħa 9 ta' Mejju 2018, fil-5:00pm, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr.

*Paul Vella*
***Sindku***

*Cyprian Dalli*
***Segretarju Eżekuttiv***